## FIL-BERAĦ TAR-RABA'.

*Ave Marija! Jaslu t-tokki ħiemda*
*Tal-qniepen imbegħdin,*
*Jieqfu mill-ħrit il-bdiewa, u jistrieħu*
*Is-sikka u l-barrin.*

*U l-bdiewa żgħażagħ jinżlu għarkobbtejhom*
*Fuq l-artab tal-ħamrija,*
*Ix-xjuħ jitwieżnu magħhom u jitolbu*
*Bil-ħrara lil Marija.*

*U tisma' x-xjuħ jitolbu b'leħen kiebi*
*"......Fis-siegħa tal-mewt tagħna......"*
*Iħossu l-waqt li għad irid jifridhom*
*Mill-bdiewa żgħar, daħkana.*

*Tara titgerbeb minn għajnejhom safja,*
*Demgħa li tleqq fid-dija*
*Tax-xemx li nieżla, ħamra-nar, minn wara*
*L-għoljiet bin-ngħaġ mimlija.*

*Bin-ngħaġ li għadhom jirgħu! X'dehra sbejħa!*
*Is-sliem għalik Marija!*
*Anqas Millet ma ra fi Franza tiegħu,*
*Dil-ġenna ta' sbuħija.*

14-1-51. P. MARIANUS VELLA O.F.M.

## ~~ZELL-AM-SEE~~

~~*Go l-Awstrja, ħdejn Salzbug*~~
~~*Jinstab raħal daħkan,*~~
~~*Ħdejn lag, qalb il-muntanji,*~~
~~*Zell-am-See l-isem ta' dan.*~~
~~*Jien midneb u l-Ġenna,*~~
~~*Naf illi mhix għalija,*~~
~~*Iżda jekk xi ħaġa ħaqqni*~~
~~*Daqsxejn bħala tpattija,*~~
~~*Xi ħaġa tal-paċenzja*~~
~~*Illi bin-nies jien ħadt,*~~
~~*Talli żammejt ilsieni*~~
~~*U ma bgħattx lil kulħadd,*~~
~~*Fejn sewwa sew kien lilhom*~~
~~*Jisthoqqilhom imorru,*~~
~~*U minflok qgħadt nismagħhom*~~
~~*Jien, bis-sabar, igorru.*~~
~~*Ta' dan, Sinjur, nitolbok,*~~
~~*Kulltant jumejn liv tini,*~~
~~*Mill-post fejn inkun qiegħed,*~~
~~*Post fejn mhemmx biskuttini.*~~
~~*Ħallini nerġa' niġi*~~
~~*Fil-pjazza, f'xi kafe,*~~
~~*Fil-lag jew fil-muntanji,*~~
~~*Tal-ħelu Zell-am-See.*~~

~~E. AGIUS.~~